TERZ'ORDNI

# It-Tisħib fil-Fraternità Karmelitana

## 2. Ġrajja reċenti u qari tas-Sinjali taż-Żminijiet - Skeda 6

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, fis-snin tletin, kellna wkoll Terzjarji nisa li kienu jgħixu l-ħajja komuni strutturata u regolata fi Fleur-de-Lys taħt it-treġija tal-Pirjol Provinċjali P. Spiridjun Vassallo. Fost l-istudjużi lokali u l-istoriċi hemm min iżomm li konna aħna l-Karmelitani li f'pajjiżna daħħalna din il-forma ta' affiljazzjoni femminili mal-Ordnijiet reliġjużi. Insemmu hawnhekk li l-kunvent tal-Karmnu fil-Birgu (1582-1652) twaqqaf sabiex it-Terzjarji jkunu jistgħu jieħdu sehem fil-ħajja tal-kunvent kuljum, speċjalment fit-talb u l-liturġija mar-reliġjużi mingħajr l-iskariġġ li jitilgħu l-Belt Valletta.

Fi żminijietna wkoll, l-Ordni ra t-tnissil u t-twaqqif ta' diversi forom ta' tisħib fit-Terz'Ordni skont is-sinjali taż-żminijiet. Insemmu l-esperjenza ta' Castellina (Italja) li għalkemm bdiet minn



*Stampa: It-Terzjarji Karmelitani tal-Moviment "La Famiglia" ta' Castellina (Firenze) miġburin għall-quddiesa mill-fundatur tal-moviment.*

ħtieġa ta' għajnuna materjali u prattika lir-reliġjużi, minnha mbagħad ħarġu l-fraternitajiet imwaqqfa fis-sittinijiet minn P. Agostino Bartolini u t-Terzjarja Amata Cerretelli, magħrufa bħala l-*Movimento La Famiglia*. Li huma marbutin mal-kunvent ta' *Santa Lucia alla Castellina*, b'komunitajiet imħallta ta' familji Terzjarji u Reliġjużi Karmelitani ġewwa l-kunventi ta' Firenze u Castellina. Magħhom jiżdiedu l-Komunità Sekulari u l-Komunità *Mater Dei* u l-Fraternità ta' Poggio Chiaro mogħtija għall-kontemplazzjoni u t-talb għall-vokazzjonijiet. Fl-Olanda wkoll, fl-1980 xi nisa pprofessaw ir-Regula Karmelitana u ssieħbu f'komunitajiet Karmelitani mħallta u llum żviluppaw f'dik li tissejjaħ Sodalizju.

Bl-ideal tal-Familja Karmelitana, mibdi u mxerred mill-Pirjol Ġenerali John Malley (1930-2012), jgħixu u joħolqu forom ġodda skont ma jippermetti n-numru 55 tar-Regula tat-Terz'Ordni (ara: 'Rapport tal-Komunità tal-Imdina' lill-Kapitlu Provinċjali 2018, fil-*Bejnietna Karmelitani; Regula tat-Terz'Ordni Karmelitan*, 55). Il-Knisja wkoll tagħraf li "illum, f'diversi ċirkustanzi, bosta Istituti għarfu li l-kariżma tagħhom tista' tiġi maqsuma mal-lajċi, hekk li dawn huma msejħin biex jaqsmu b'iktar intensità fl-ispiritwalità u l-missjoni ta' dawn l-Istituti. Nistgħu ngħidu li fid-dawl ta' ċerti esperjenzi storiċi bħal dawk tal-Ordnijiet Sekulari jew Terz'Ordnijiet, qed jinfetaħ, kapitlu ġdid mimli tama fil-ġrajja tar-relazzjonijiet bejn l-ikkonsagrati u l-lajċi" (*Vita Consecrata* 54). F'dan id-dawl għandna nagħrfu wkoll li s-sehem iktar mill-qrib fl-ispiritwalità u l-missjoni tal-Ordni, iġib miegħu l-ħtieġa ta' "impenn iktar serju fl-iżvilupp u l-formazzjoni" (ara l-ittra ċirkulari tal-Prepostu Ġenerali tal-Karmelitani

Skalzi lill-Provinċjali, lid-Delegati u l-Assistenti Spiritwali, 14 ta' Diċembru 2006) tal-membri fit-Terz'Ordni.

Imqanqlin mill-għarfien iktar profond tal-Knisja bħala Poplu ta' Alla li rċieva l-istess sejħa għall-qdusija li toħroġ mill-Magħmudija u li mbagħad tingħax fil-konkret skont il-kariżmi u s-sejħat partikolari, dan is-sehem narawh bħala sinjal profetiku ta' dik ix-xirka tal-imħabba u l-għaqda li għaliha msejħin id-dixxipli fuq ix-xewqa aħħarija ta' Ġesù fil-lejl qabel ma ngħata għalina, li lkoll ikunu "ħaġa waħda bejniethom" (Ġw 17:21) f'dinja mmarkata minn kull xorta ta' diżgwid, frammentazzjoni, skandli li b'xorti ħażina wkoll iferu l-Ġisem ta' Kristu li hi l-Knisja. Imqanqlin mis-sinjali taż-żminijiet nagħrfu, taħt l-ispirazzjoni tal-Maġisteru tal-Papa Franġisku, li l-punt tat-tluq lejn il-ġejjieni jinsab fid-deċiżjoni li ngħaddu minn ideal ta' separazzjoni għal dak tal-għejxien "fil-kumpanija tal-bnedmin" (Franġisku, Papa, *Taħdita lir-Reliġjużi, Kleru u Seminaristi,* f'Santa Cruz (Bolivja) 7.10.15. Ara wkoll F.X. Kauffmann, *Capacità di futuro*, Queriniana, Brescia 1988, 50).

F'dinja u kultura post-Kristjana mmexxijin minn ideoloġiji sekularisti li ma jħallux spazju għal Alla, li kulma jmur jagħmilha iktar diffiċli li wieħed jissaħħaħ fl-għejxien radikali tal-mixja Nisranija, u fix-xitwa li għaddejja minnha l-Knisja fuq diversi livelli, fosthom dak tan-numru dejjem jonqos tal-vokazzjonijiet għall-ħajja reliġjuża u saċerdotali, dan it-tisħib u l-kollaborazzjoni iktar intensa bejn ir-Reliġjużi u t-Terzjarji, bil-grazzja ta' Alla għandu jkun għajn ta' ġid fl-għejxien tas-sejħa li nkunu tassew Familja Karmelitana bħala ankra ta' salvazzjoni u tama għal xulxin (Omelija tal-Pirjol Ġenerali Fernando Millan Romeral fil-Quddiesa Solenni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fis-Santwarju Bażilika tal-Belt Valletta, 16 ta' Lulju 2018).

## P. Avertan Fenech u l-Ewkaristija

Fil-ħajja tal-Qaddej ta' Alla nsibu li huwa kien ruħ Ewkaristika sa minn tfulitu. Għad-devozzjoni mħeġġa tiegħu l-Kappillan tal-Mosta għażel li jagħmillu l-Preċett (l-Ewwel Tqarbina) qabel iż-żmien. Huwa qatt ma ried ikun abbati, sabiex ma jiħux kunfidenza żejda mal-Altar u l-Ewkaristija. 'Il quddiem, meta sar reliġjuż Karmelitan, kien iħejji ruħu għall-quddiesa bit-talb qabel u bir-ringrazzjament wara. Il-Vista lil Ġesù Sagramentat kienet appuntament importanti ta' kuljum u bħala surmast tan-novizzi kien iħeġġeġ lin-novizzi għall-Vista darbtejn kuljum: wara nofsinhar u bil-lejl qabel l-irqad. P. Avertan kien magħruf sewwa għad-devozzjoni li biha kien iqaddes, u ta' ruħ delikata, b'liema 'skruplu' kien jersaq lejn it-tqarbin, u b'liema devozzjoni u ġabra kien iġib ruħu fil-knisja. Fil-mard, ħdax-il sena mixħut ġo sodda, kellu dispjaċir wieħed: dak li ma setax iqaddes. L-hena tiegħu kienet meta ħutu l-patrijiet kienu jġibulu s-Sagrament għat-Tqarbin li hu kien jirċivih b'devozzjoni kbira, l-aktar fil-jum ta' qabel miet. Għal xi żmien, minħabba l-gwerra, il-patrijiet ittrasferewh mill-kamra tiegħu għall-Oratorju, ħdejn il-bieb ta' barra tal-ġenb tal-kunvent. Kien iħossu jinsab tassew il-ġenna, erbgħa u għoxrin siegħa fil-preżenza tal-Ewkaristija, fejn seta' jinġabar f'adorazzjoni kontinwa. Din l-imħabba lejn l-Ewkaristija għaddieha wkoll permezz tal-kitba, fil-meditazzjonijiet sbieħ u sempliċi tiegħu. Uħud minnhom huma ta' livell mistiku, ikellmu lill-qalb u jikxfu l-għaqda tiegħu ma' Alla. L-Ewkaristija għamlet minnu ruħ Ewkaristika mhux biss fid-devozzjoni lejn is-Sagrament tal-Altar, imma wkoll fil-qadi ta' ħutu l-bnedmin, il-Ġisem ta' Kristu fuq din l-art, permezz tal-karità u l-kompassjoni lejn il-meħtieġa fir-ruħ u l-ġisem.



P. Avertan kien ruħ Ewkaristika mill-ifjen. Kemm bil-ħajja kif ukoll bit-tagħlim spiritwali li hu ħallielna jistedinna nieħdu sehem mit-tqarbin biex inħallu lil Ġesù jibdlilna ħajjitna f'dik tiegħu. P. Avertan jgħallimna ninġabru quddiem it-tabernakli tal-Preżenza Ewkaristika biex waqt li qalbna u qalb Kristu jintilfu fi djalogu ta' mħabba, inħalluh jgħallimna fis-skiet kif għandna nagħtu ħajjitna lil xulxin, fil-konkret tal-ħajja tagħna ta' kuljum, fuq l-eżempju tiegħu.

*Mid-daħla tal-librett "Ftakru fil-Kbira Mħabba – Sussidju għall-Visti ta' Ħamis ix-Xirka" ta' Charlo Camilleri, Reliġjon u Ħajja, ISBN: 978-99957-3-092-5.*